# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 28 ta'April, 2021.**

**Numru 9**

**Rikors numru 1114/17/1 AF**

**Elena Mallia**

**v.**

**L-Avukat Dr. Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi li b'digriet tas-26 ta' Frar 2018 ġew maħtura Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti John Mallia, u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

1. Dan huwa appell wara kawża intavolata mill-attriċi appellata permezz ta' liema qed titlob, *inter alia,* illi żewġha jiġi dikjarat mejjet wara illi allegatament ilu assenti għal aktar minn għaxar snin, u sabiex l-attriċi tiġi akkordata d-dħul fil-pussess assolut tal-beni tiegħu u l-eżerċizzju tal-jeddijiet li jiddependu mill-mewt tiegħu. Skont l-attriċi, żewġha, li kien jaħdem bħala *international truck driver,* kien mar għax-xogħol f'Ġunju

2004 u qatt ma reġa' lura. Hija tallega wkoll illi fl-2009 kienet irċeviet korrispondenza elettronika skont liema żewġha kien ġie nieqes f'*tsunami* f'Phuket, Thailand f'Diċembru 2004. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku eċċepixxa preliminarjament in-nuqqas ta' kompetenza tal-ewwel Qorti u hija proprju d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti dwar din l-eċċezzjoni li hija s-suġġett ta' dan l-appell.

2. F'dawn il-proċeduri l-attriċi talbet lill-ewwel Qorti sabiex:

> "1. TIDDIKJARA u TIDDECIEDI illi l-assenza tal-intimat John Mallia minn dawn il-gzejjer ilha tippersisti ghal zmien aktar minn ghaxar snin kontinwi mid-data tal-ahhar ahbar tieghu.
>
> 2. TIDDIKJARA ghalhekk l-istess John Mallia huwa prezunt mejjet.
>
> 3. TORDNA lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex johrog certifikat tal-mewt ta' John Mallia.
>
> 4. TAKKORDA lir-rikorrenti d-dhul fil-pussess assolut tal-beni tal-assenti u l-ezercizzju assolut tal-jeddijiet li jiddependu mill-mewt tal-assenti.
>
> 5. TIDDIKJARA mahlula l-garanziji u li m'ghadhomx isehhu l-kawteli l-ohra li setghu gew ordnati fil-konfront tar-rikorrenti tul dawn l-ahhar ghaxar snin.
>
> BL-ISPEJJEZ kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni."

3. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku eċċepixxa, *inter alia,* illi l-attriċi għandha tiddikjara abbażi ta' liema artikolu qed issejjes il-kawża odjerna, in-nuqqas ta' kompetenza *ratione materiae* tal-Qorti u illi l-attriċi trid tipprova illi hija proprju l-werrieta tal-assenti John Mallia.

4. Il-kuraturi deputati appuntati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti John Mallia eċċepew, *inter alia,* illi l-piż tal-prova tal-allegazzjonijiet magħmula mill-attriċi jinkombi fuqha.

5. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-17 ta' Ġunju 2020 ġie deċiż hekk:

> "Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni ta' inkompetenza mressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku u tordna li l-kawza titkompla regolarment
>
> L-ispejjez jibqghu rizervati ghal gudizzju finali."

6. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku appella minn din is-sentenza permezz ta' rikors datat 6 ta' Lulju 2020 u talab lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata u tilqa' t-tieni eċċezzjoni tiegħu, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellata.

7. Minkejja li ġiet debitament notifikata bir-rikors tal-appell, l-attriċi ma ressqet l-ebda risposta.

**Ikkonsidrat;**

8. Id-Direttur appellanti ressaq aggravju wieħed fir-rikors tal-appell tiegħu, permezz ta' liema jsostni illi l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta sabet li għandha l-kompetenza meħtieġa sabiex tkompli bis-smigħ tal-proċeduri odjerni. Huwa jargumenta illi m'huwiex minnu li t-talba sabiex

l-assenti John Mallia jiġi dikjarat li huwa preżunt mejjet teżorbita l-Artikolu 223 tal-Kodiċi Ċivili, u għamel referenza għal deċiżjonijiet oħra fejn persuni ġew dikjarati li huma preżunti mejtin għall-finijiet ta' dan l-istess artikolu. Skont id-Direttur appellanti hija l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja li għandha l-kompetenza li tiddikjara li l-assenti huwa preżunt mejjet, u jżid illi fil-fatt il-liġi kienet ġiet emendata permezz tal-Att numru XV tas-sena 2012 proprju sabiex il-kelma "sentenza" fl-Artikolu 223 tiġi sostwita bil-kelma "digriet" biex b'hekk kwistjoni bħal din tkun tista' tiġi deċiża mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja. Jargumenta wkoll illi hija żbaljata l-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti illi hemm bżonn ta' sentenza sabiex huwa jiġi ordnat joħroġ ċertifikat tal-mewt peress illi ai termini tal-Artikolu 299 tal-Kodiċi Ċivili l-werrieta tal-assenti jistgħu jagħmlu talba lill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja sabiex tordna illi jinħareġ ċertifikat tal-mewt.

9. L-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Ikkunsidrat illi din hija kawza parzjalment msejjsa fuq l-Art. 223 tal-Kodici Civili li tipprovdi testwalment illi:
>
> > "(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.
> >
> > (2) Fil-każ ta' digriet interlokutorju, il-qorti tista' tħalli d-deċiżjoni dwar l-ispejjeż għas-sentenza definittiva, inkella tikkundanna t-tellief għall-ispejjeż.
> >
> > (3) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda millpartijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-

> kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra.
>
> (4) Fil-każijiet ta' appelli ritrattazzjonijiet fiergħa jew vessatorji, il-Qorti tal-Appell jew il-Qorti Kostituzzjonali tista' tikkundanna lill-appellant li jħallas lill-appellat lispejjeż għal darbtejn.
>
> (5) F'każ meta jinġieb xhud peritali ex parte minn xi waħda mill-partijiet fil-kawża, il-qorti għandha fis-sentenza definittiva tagħha tistabbilixxi somma xierqa li tista' tintalab bħala spejjeż għal dak ix-xhud. Il-qorti għandha, biex taqta' dwar l-ammont ta' dik is-somma, tqis l-entità tat-talbiet, f'każ ta' xhud peritali mhux residenti f'Malta, jekk kienx hemm esperti lokali li setgħu jagħmlu dak ix-xogħol u ċċirkostanzi l-oħra kollha tal-każ. Il-qorti għandha wkoll tistabbilixxi kif il-ħlas ta' dawk l-ispejjeż għandu jinqasam bejn il-partijiet fil-kawża.
>
> (6) Bla ħsara għall-artikolu 173(2)(ċ), meta xi parti mingħajr ebda raġuni ġusta tirrifjuta jew tonqos milli tipparteċipa quddiem medjatur jew tikkollabora miegħu, il-Qorti tista' tordna l-ħlas ta'spejjeż doppji favur il-parti l-oħra minħabba f'dak ir-rifjut jew nuqqas."

Dan l-Artikolu jsejjes il-kompetenza ta' materji tax-xorta msemmija fl-istess artikoli tal-ligi lill-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja).

Madanakollu, r-rikorrenti f'din il-kawza qeghda titlob oltre. Precizament permezz tat-tieni talba taghha hija qeghda titlob dikjarazzjoni gudizzjarja tal-mewt ta' John Mallia. B'referenza ghal tali dikjarazzjoni, l-Artikolu 831 tal-Kap. 16 jipprovdi ghal htiega ta' "sentenza" li tiddikjara l-mewt ta' persuna assenti:

> "Is-suċċessjoni tinfetaħ kif tiġri l-mewt, jew dak in-nhar li tgħaddi f'ġudikat is-sentenza li biha jkun ġie ddikjarat illi l-persuna, li tas-suċċessjoni tagħha jkun irid isir il-ftuħ, għandha titqies mejta minħabba li tkun ilha assenti żmien twil."

Issa huwa minnu kif irriteniet din il-Qorti fis-sentenza Fenech vs Dr. Mark Busuttil noe (4 ta' Ottubru 2011), illi l-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja tippronunzja digrieti mhux sentenzi. Bl-emendi fil-ligi ghal dak li jirrigwarda l-pussess ta' hwejjeg l-assenti, hija l-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja li ghandha l-kompetenza esklussiva. Madanakollu, din il-Qorti hi tal-fehma li l-htiega ta' sentenza ghadha hemm fir-rigward ta' dikjarazzjoni ta' mewt u ordni lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex johrog ic-certifikat relattiv.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni ta' inkompetenza mressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku u tordna li l-kawza titkompla regolarment.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghal gudizzju finali."

## *Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

10. Fil-fehma ta' din il-Qorti m'hemmx dubju illi l-Qorti kompetenti sabiex tiddetermina t-talbiet attriċi hija l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja. Dan ikkonsidrat illi, skont ir-regolament numru 5 (a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.19 rikorsi li għandhom x'jaqsmu mat-Titolu VII tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

11. Il-Qorti tosserva illi jidher li l-ewwel Qorti sejset id-deċiżjoni tagħha *in parte* fuq l-artikolu tal-liġi żbaljat. Mill-artikolu ċitat fis-sentenza appellata huwa ċar illi l-ewwel Qorti ma kinitx qed tiċċita l-Artikolu 223 tal-Kodiċi Ċivili iżda kienet qed tiċċita minflok l-Artikolu 223 tal-Kodiċi dwar l-Organizzazzjoni u l-Proċedura Ċivili. L-Artikolu 223 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> "Jekk l-assenza tissokta għal żmien ta' sitt snin wara d-dħul fil-pussess provviżorju, jew jekk b'rikors li jkun ġie ppreżentat mill-werrieta b'testment jew mill-werrieta bil-liġi tal-assenti quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja tal-gżira li fiha l-assenti kien joqgħod l-aħħar kontra l-kuraturi nominati mill-imsemmija qorti dik l-assenza tkun ġiet dikjarata b'digriet li tkun damet għal żmien ta' għaxar snin kontinwi mid-data tal-aħħar aħbar dwar l-assenti, il-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja għandha, fuq it-talba ta' min ikollu interess, tagħti, b'digriet, id-dħul fil-pussess assolut fil-beni tal-assenti u l-eżerċizzju assolut tal-jeddijiet li jiddependu mill-mewt tal-assenti, u tiddikjara maħlula l-garanziji, u li ma għandhomx iseħħu l-kawtieli l-oħra li setgħu jkunu ġew ordnati…"

12. Inoltre, l-Artikolu 299 jipprovdi illi:

> "Jekk l-assenza ta' persuna tissokta għal żmien ta' sitt snin wara d-dħul fil-pussess provviżorju jew jekk l-assenza tkun ġiet dikjarata b'sentenza

> kif provdut taħt l-artikolu 223 u dik il-persuna ma tkunx waħda li dwar il-mewt tagħha ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 234 skont l-artikolu 235, f'dak il-każ il-werrieta tal-assenti, sew bit-testment jew bil-liġi, jew il-werrieta tagħhom, jew xi persuna interessata jew l-Avukat tal-Istat jistgħu jagħmlu talba lill-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja fil-gżira fejn l-assenti kien l-aħħar jirrisjedi sabiex tordna lill-uffiċjal inkarigat mill-kitba tal-att tal-mewt, li jikteb u jibgħat lid-Direttur għar-reġistrazzjoni fi żmien erbat ijiem minn dik it-talba, ċertifikat tal-mewt tal-assenti skont il-Formula G fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi."

13. Huwa minnu illi l-Artikolu 299 jitkellem dwar dikjarazzjoni b'sentenza u mhux digriet. Pero`, l-artikolu jaghmel referenza espressa għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 223, u cioe` assenza dikjarata permezz ta' digriet mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja. Dan oltre illi l-istess Artikolu 299 jipprovdi espressament illi l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja għandha s-setgħa li tordna li jinħareġ ċertifikat tal-mewt tal-assenti. Għalhekk wara l-emendi li kienu ġew magħmula mill-leġislatur, jidher illi llum il-ġurnata l-proċedura għad-dikjarazzjoni illi assenti huwa preżunt mejjet ma ssirx billi l-qrati kontenzjużi jiddikjaraw il-mewt ta' dik il-persuna permezz ta' sentenza. Jidher illi llum il-ġurnata l-proċedura hija illi ssir talba quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja sabiex id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku joħroġ ċertifikat tal-mewt fir-rigward tal-assenti wara li tkun saret id-dikjarazzjoni ta' assenza ai termini tal-Artikolu 223 tal-Kodiċi Ċivili jew wara li jkunu għaddew sitt snin mid-dħul fil-pussess provviżorju tal-ħwejjeġ tal-assenti ai termini tas-sub-titolu II tat-Titolu VII tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili.

14. Huwa minnu dak ikkonsidrat mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-Artikolu 831 tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jipprovdi espressament illi fir-rigward ta' persuni assenti s-suċċessjoni tkun tista' tinfetaħ biss "…dakinhar li tgħaddi f'ġudikat is-sentenza li biha jkun ġie ddikjarat illi l-persuna, li tas-suċċessjoni tagħha jkun irid isir il-ftuħ, għandha titqies mejta minħabba li tkun ilha assenti żmien twil."

15. Pero` huwa ċar illi dan l-artikolu jagħmel referenza għal proċedura li m'għadhiex teżisti fil-liġi. Fil-fatt, jidher illi l-Artikolu 831 qatt ma ġie emendat sabiex jirrifletti l-emendi li saru fil-liġi dwar il-preżunzjoni ta' mewt ta' persuna assenti. Fil-fehma ta' din il-Qorti jidher illi dan l-artikolu ma ġiex emendat minħabba *lapsus calami* min-naħa tal-leġislatur, ikkonsidrat illi mill-artikoli u r-regolament ċitati aktar 'il fuq m'hemmx dubju li kienet ir-rieda tal-leġislatur li l-proċedura dwar il-preżunzjoni illi assenti huwa mejjet taqa' entro l-kompetenza tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, tħassar is-sentenza appellata, tilqa' t-tieni eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u konsegwentement tiddikjara illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili m'hijiex kompetenti *ratione*

*materiae* sabiex tiddetermina d-domandi attriċi, u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jikkomunika kopja ta' din is-sentenza lill-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati sabiex tittieħed l-azzjoni meħtieġa. L-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da